MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 469/2012

**Appell Nru. 469/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Grech**

**Illum 29 ta' Mejju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 139176(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar is-7 ta' Mejju, 2012 u fiz-zhur ta' qabewl, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil Rita Grech ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 t’Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 t’Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull htija, alternattivament tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u dan billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tbiddel il-piena inflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta u dan skond dawk il-provvidimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi migjuba quddiemha fis-smiegh tal-kawza naqset milli tapprezza korrettement ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Illi kif indikat fil-fatti Rita Grech kellha access vigilat u dan peress li hemm problemi serji attribwibbli lilha liema gravita wasslet lill-Qorti biex tordna li l-access ghall-minuri, fi-interess tal-minuri ikun wiehed vigilat.

Illi ghalhekk tali access huwa organizzat u regolat mill-ufficcjali tal-agenzija Appogg li huma responsabbli biex jaghtu s-servizz ta’ supervizjoni waqt l-access.

Illi fi zmien qabel id-data indikata fl-akkuza, kien hemm incident li fih Rita Grech aggrediet lin-nanna tal-minuri Filippa Grech li kif solita isir minhabba incident simili l-access kien gie mwaqqaf peress li omm il-minuri

aggrediet lill-kunjata u cioe' omm l-appellant, waqt il-vizita u habba dan il-kaz, l-access gie mwaqqaf minn social worker tal-agenzija appogg bhala dik l-agenzija responsabbli mill-access u kordinament tal-access rikjest mill-Qorti.

Illi ma kienx fil-kontrol tal-appellant li jerga jinbeda l-access ghal omm il-minuri peress li kien taht ir-responsabbilita tal-agenzija appogg li tirrijattiva l-access u tinforma bl-izviluppi lil hati.

Illi minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni mill-agenzija fir-rigward tar-riattivazzjoni tal-access ma kienx fil-limitu responsabbli ta' Brian Grech li huwa jew xi persuna ghan-nom tieghu twassal it-tfal ghall-access.

Illi ghalhekk, jekk ma kienx hemm access ghall-minuri da parti ta' Rita Grech dan zgur mhux minhabba xi responsabbilta' li hija imputabbli lill-appellant izda ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Illi fic-cirkostanzi, ma hemmx lok li l-appellant jinstab hati u dan peress li ma kien hemm ebda ksur ta' ordni tal-Qorti jew ta' dak li bih kien marbut b'kuntratt la darba kienet l-agenzija Appogg li kienet issospendiet l-access ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'l fuq.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti filli, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, f'kaz li l-Qorti jidrilha li ghandha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ghandha tinfliggi piena aktar miti.

Illi l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tinfliggi piena karcerarja u dan meta huwa maghruf li l-appellant ghandu l-kura u l-kustodja ghall-minuri u li l-omm ghandha biss access vigilat.

Illi tali sentenza jekk tigi kkonfermata fi-interezza taghha, zgur li se tkun trawmatika ghat-tfal li ghandhom diffikultajiet varji ghal ta' behavioural problems u jekk rnissierhom se jintefa l-habs din zgur li se tkun trawma li

se tkompli taggrava s-sitwazzjom tal-ulied li hija diga' diffikultuza' u dan ghal ragunijiet li l-istess social workers spjegativ lill-ewwel Qorti.

Illi apparti hekk, jekk l-esponent ma tax access dan zgur li mhux ghaliex huwa wettaq xi azzjoni biex izzomm lit-tfal milli jaraw kif ommhom izda peress li l-Agenzija Appogg issospendiet l-access wara li Rita Grech qalghet l-inkwiet waqt l-access vigilat.

Illi huwa car li f'dan il-kaz, anke jekk ghas-sahha tal-argument il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija, m'hemmx lok li tinfliggi piena karcerarja.

Apparti hekk, l-appellant ghandu fedina penali netta u zgur li m'hemmx lok ghal piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi b'digriet numru 330/11 mahrug mill-Qorti tal-Familja l-appellant gie moghti l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Seible u Savion ta' seba' (7) u hames (5) snin rispettivament. Il-kwerelanta Rita Grech giet moghtija access sorveljat darbtejn fil-gimgha ghal siegha kull darba gewwa l-bini tal-Appogg. Peress illi l-appellant ghandu hafna xoghol part time talab l-ghajnuna tal-genituri sabiex l-omm tiehu t-tfal l-Appogg fejn hemmhekk jiltaqghu ma' ommhom. Gara però illi f'okkazjoni minnhom Rita Grech giet fl-idejn ma' Philippa Grech, omm l-appellant, u skont l-appellant minhabba dan l-incident l-Appogg ghamlu talba ghas-sospensjoni tal-access u tali access gie sospiz. L-appellant qed jargumenta li l-ewwelnett ma kienx tort tieghu illi Rita Grech aggrediet lil Philippa Grech u lanqas ma kien tort tieghu illi l-access gie sospiz u ma baghatx aktar it-tfal u dana fuq talba tal-Appogg.

Ikkunsidrat:

L-ewwelnett ma rrizultat l-ebda prova illi s-social worker jew l-Agenzja Appogg itterminaw l-access. Anki jekk dana

huwa l-fatt social worker jew l-istess agenzija ma tista’ tbiddel digriet tal-Qorti. Dana jista’ jigi mibdul jew varjat mill-istess Qorti u hadd aktar. Veru illi l-appellant talab illi jinbidlu l-modalitajiet tal-access izda din it-talba giet michuda. Allura l-appellant baqa’ obbligat bit-termini tad-digriet originali illi kellu jibghat lill-minuri fl-Agenzija Appogg sabiex hemmhekk jiltaqghu ma’ ommhom. Fl-okkazjonijiet imsemmija fil-komparixxi l-appellant ma baghthomx u ma hemmx kontestazzjoni dwar dan.

Ghalhekk, il-Qorti ssib illi ghal dan in-nuqqas l-appellant ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni. U ghal dik illi hija dikjarazzjoni ta’ htija din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti liema konkluzjonijiet jimmeritaw illi jigu konfermati. Jidhrilha però illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena peress illi l-appellant ma kienx fl-ufficcju tas-Sedqa meta sar l-incident u peress illi ghandu fedina penali nadifa ma jimmeritax illi jmur il-habs ghal incident bhal dan.

Ghalhekk, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ in parti l-appell, tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda tbiddel u tvarja l-piena inflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------